MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 779/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C – 2833)**

**vs**

**Mark Pace (karta ta' l-identita` numru 547677 (M))**

**U**

**Carmen Pace Magro (karta ta' l-identita` numru 513078(M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq riferit datat it-13 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati fuq riferiti permezz t'erba' skritturi privati indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2 Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tal-intimati fis-somma ta' tlettax –il elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€13,998.34), bilanc fuq l-istess, oltre l-imghax ulterjuri mill-4 ta' Lulju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3 Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fl-iskritturi fuq riferiti billi l-intimati:

1.3.1. Naqsu li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti il-pagamenti minnhom dovuti;

1.3.2. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra;

1.3.3. Ipperikolaw jew effettwaw hazin il-possibilita` ta' hlas lura tal-ammonti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

1.4 Illi nonostante li interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5 Illi in vista tal-premess, is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti u talbitha:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq riferiti, partikolarment li sehhew il-grajjiet fuq indikati;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu *in solidum* lis-socjeta` rikorrenti is-somma fuq gia` riferita, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), flimkien ma' l-imghax dovut mill-4 ta' Lulju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Tirrileva li ghalkemm debitament notifikati permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi, l-intimati baqghu kontumaci;

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Ezaminat id-dokumentazzjoni prodotta;

5. Tirrileva li l-perjodu indikat fid-digriet taghha datat il-25 ta' Frar, 2014, biex l-intimati jkunu jistghu jissottomettu l-pozizzjoni taghhom fir-rigward ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

6.0 Illi minn analiz tax-xhud u tal-provi prodotti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

6.1 Illi s-socjeta` rikorrenti ikkoncediet facilita` bankarja lill-intimati permezz ta' diversi skritturi privati, (ara fol 5,7,10 u 13);

6.2 Illi fl-operat tal-istess skritturi privati indikati fil-paragrafu precedenti, l-intimati akkumulaw dejn ta’ tlettax –il elf, disa’ mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€13,998.34);

6.3 Illi stante li l-intimati m’ottemporawx ruhhom mat-termini ta’ pagamenti rateali minnhom assunti fl-istess skritturi privati, dawn ipperikolaw il-facilita` lilhom koncessa mis-socjeta` rikorrenti;

6.4 Illi l-ammont indikat fil-paragrafu ta’ qabel dak precedenti, ghadu dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti;

6.5 Illi nonostante li l-istess intimate inghataw l-opportunita` biex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward fit-terminu indikat fid-digriet datat il-25 ta’ Frar, 2014, dawn baqghu inadempjenti;

Ikkunsidrat:

7.0 Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1 Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjet imsemmija fil-kuntratti fuq riferiti partikolarment li l-intimati:

7.1.1. Naqsu li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti il-pagamenti minnhom dovuti;

7.1.2. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra;

7.1.3. Ipperikolaw u effettwaw hazing il-possibilita` ta' hlas lura tal-ammonti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

7.2 Tikkundanna lill-intimati fuq indikati jhallsu *in solidum* lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' tlettax –il elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€13,998.34), bilanc fuq l-istess, flimkien ma' l-imghax ulterjuri minnhom dovut mill-4 ta' Lulju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

7.3 Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati Mark Pace u Carmen Pace Magro.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------